



# Ħajti bħala **Ewropew**



GRUPP PARLAMENTARI TAL-PARTIT
TAS-SOĊJALISTI EWROPEJ





## Ġurnata fil-Ħajja…

Mark għandu 19-il sena. L-għarusa tiegħu Nadia hija mill-Ewropa Ċentrali u ġiet hawn biex tistudja b´riħet il-programm Erasmus. Malli jiskbu d-diploma qed jippjanaw li jduru l-Ewropa.

L-għan ta' din l-istorja huwa li tgħidilkom fuq il-ħajja ta' kull jum tagħhom u tal-ħbieb u tal-konoxxenzi tagħhom u sabiex turikom il-ġid li ġġib l-Unjoni Ewropea u l-aktar il-grupp parlamentari tas-Soċjalisti Ewropej.





## Ilma aktar nadif

Sabiex tnaqqas l-ammont ta' sustanzi li jagħmlu ħsara u li jinsabu fl-ilma li nużaw, l-Unjoni Ewropea għaddiet liġi fl-1980 li għall-ewwel darba stabbiliet livelli ndaqs tal-kwalita' ta' l-ilma fl-Istati Membri kollha ta´l-Unjoni Ewropea. Il-liġi qed dejjem tissaħħaħ aktar sabiex tqis l-iżviluppi xjentifiċi ġodda u sabiex ittejjeb il-livelli tas-saħħa u tas-sigurta' ta' l-ilma (inkluż l-ilma tal-ħasil u l-ilma tax-xmajjar). Il-kisba ta´ kwalita' tajba ta´ l-ilma ilu żmien twil l-għan tas-Soċjalisti Ewropej. Kull fejn tivvjaġġa fl-UE, issa tista´sserraħ rasek li l-ilma li tuża huwa tajjeb.

## Kożmetiċi aktar siguri

Barra mil-livelli ta' sigurta' fuq l-ilma li jorbtu legalment, il-liġi Ewropea dwar il-kożmetiċi tiżgura li t-toothpaste, ix-shampoo u kożmetiċi oħra li nużaw ikunu siguri, kull fejn nixtruhom fl-UE.



## Ikel aktar imżewwaq u aktar sigur

Ħafna mill-ikel li nieklu jkun ġej minn stat ieħor ta' l-UE. Bil-ftuħ tal-fruntieri fl-Unjoni, l-UE ippermettiet il-ġarr b´ħeffa akbar ta' ħafna ikel frisk u prodotti tal-ħalib lejn stati differenti ta' l-Unjoni. B´hekk il-konsumaturi ghandhom għażla akbar u prezzijiet orħos. L-ixkafef tas-*supermarkets* tagħna huma miżgħuda b´għażla ta' prodotti sofistikati bi prezzijiet mhux għolja. L-ikel li nieklu kollu jilħaq il-livelli ta' sigurta' ta' l-UE u s-Soċjalisti Ewropej issieltu bil-qawwa kollha sabiex jinfurzaw il-kwalita' fit-trobbija ta' l-annimali u tal-prodotti tal-biedja, ngħidu aħna, b´inizjattivi u b´ideat dwar il-pestiċidi wżati mill-bdiewa. Is-Soċjalisti Ewropej ħadmu wkoll sabiex jiżguraw li l-art tal-biedja fl-Ewropa tkun regolata tajjeb sabiex jithares l-ambjent, u l-intervent tagħhom ifisser li awtorità ġdida, l-Awtorita Ewropea għas-Sigurta' ta' l-Ikel se tiddefendi l-interessi tal-konsumaturi ta' l-UE. Fuq l-Ikel Modifikat Ġenetikament (GMOs), is-Soċjalisti Ewropej iridu bilanċ bejn it-tiġdid xjentifiku, il-jedd tal-konsumatur għal ikel sigur, l-għażla ħielsa u ambjent b´saħħtu.






## It-titjib tat-trasport pubbliku

B´riħet ir-riċerka u tal-fondi strutturali, l-UE tgħin sabiex jittejjeb it-trasport pubbliku fil-bliet kbar u mdaqqsin, bliet żgħar u rħula madwar l-Ewropa. L-għan huwa li jinbnew xbieki ta' trasport pubbliku li jkunu siguri, effiċjenti u li wieħed jista' jaċċettahom, u li jilħqu mal-ħtiġiet taċ-ċittadini ta' l-UE. Il-bini ta' konnessjonijiet bejn modi differenti ta' trasport hija prijorita' ewlenija u għal dan il-għan is-Soċjalisti Ewropej ħadmu mill-qrib ħafna ma' operaturi ta' gruppi ta' passiġġieri u tat-trasport pubbliku sabiex, b´liġi, it-trasport pubbliku jsir aktar aċċessibbli għall-persuni b´diżabbiltá, l-anzjani u l-ġenituri bil-prammijiet.

## Toroq u vetturi aktar sikuri

Is-Soċjalisti Ewropej kellhom sehem ewlieni sabiex isiru regoli komuni ta' l-UE sabiex tkun assigurata s-sigurta' fit-triq madwar il-kontinent kollu. Dawn ir-regoli fihom disinn ta' karozzi tal-linji skuri, regolamenti ġodda dwar iċ-ċineg tas-sigurta' fil-karrozzi ta' l-iskola, l-ikklampjar ta' trakkijiet u *coaches* li s-sewwieqa tagħhom ikunu bi ngħas u regoli oħrajn fuq is-sewqan bis-sakra madwar l-Ewropa kollha.



## Edukazzjoni u Taħriġ

Is-Soċjalisti Ewropej jemmnu li l-edukazzjoni għandha importanza ewlenija għall-għan tagħna li noħolqu x-xogħol ghal kulħadd fl-Ewropa. L-UE tinvesti fl-edukazzjoni permezz ta' skemi ta' taħriġ varji sabiex iġġib in-nies lura għax-xogħol u tnaqqas il-qghad, kif ukoll programmi vokazzjonali sabiex jergħu jitħarrġu l-ħaddiema u jkun assigurat li l-kumpanniji Ewropej iżommu ruħhom aġġornati ma' l-avvanzi teknoloġiċi.

## Il-promozzjoni taċ-ċaqliq ta' l-istudenti

Sabiex tgħin lin-nies jifhmu kulturi oħrajn, l-UE żviluppat il-programmi ta' skambji kulturali u lingwistiċi, Erasmus u Comenius. Erasmus jghin lil studenti ta' l-universitajiet Ewropej ħalli jieħdu parti mill-edukazzjoni tagħhom f' pajjiż Ewropew barrani u Comenius jiffoka fuq kuntatti u skambji bejn studenti iżgħar minn pajjiżi differenti.



## It-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea

L-UE qegħda dejjem tevolvi. Komunita' ta' sitta fl-1950ijiet kibret għal unjoni ta' 25 stat membru * mill-2004 b' 450 miljun ċittadin u 20 lingwa uffiċjali. It-tkabbir jankra d-demokrazija fil-kontinent Ewropew kollu, u jiffavorixxi n-negozju u t-tkabbir ekonomiku. Għas-Soċjalisti Ewropej, it-tkabbir ta' l-UE u l-unifikazzjoni mill-ġdid ta' l-Ewropa ser iwassal għal kreazzjoni ta' arja ta' paċi, stabilita' u prosperita' f' dak li fil-passat kien kontinent fi gwerra.

* L-għaxar pajjiżi membri ġodda huma l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, ir-Repubblika Ċeka, is-Slovakkja, l-Ungerija, is-Slovenja, Malta, u Ċipru.

## Ibbukkjar ta' vaganzi *online* aktar faċli u aktar sigur

L-investiment ta' l-UE fit-teknoloġija ta' l-internet jagħmilha aktar faċli għal ħafna nies fl-Ewropa li jieħdu vaganzi barra minn pajjiżhom u sabiex jibbukjaw *online*. Ir-regoli tal-kompetizzjoni ta' l-UE u l-ftuħ tas-swieq ta ukoll aċċess għal vjaġġar bl-ajru irħas. Is-Soċjalisti Ewropej illobbjaw sabiex jassiguraw li filwaqt li l-prezzijiet niżlu l-isfel, l-istandards telgħu' l-fuq, b' liġijiet ġodda ta' l-UE li jiggarantixxu l-ħlas tal-flus lura għall-passiġġieri li t-titjira tagħhom tkun kanċellata jew ittardjata u b' miżuri ħorox ta' l-UE fuq frodi tat-*timeshare* b' kumpens garantit għall-vittmi.



## Nies tas-sengħa u ekonomija kompetittiva

Il-kapaċitajiet fl-IT huma vitali fis-soċjetà ta' l-informazzjoni ta' llum u l-UE hija mpenjata li tibni ekonomija kompetittiva u bbażata fuq it-tagħrif permezz ta' inizjattivi ta' taħriġ bħall-*e-Learning* u t-tagħlim tul il-ħajja kollha sabiex tittrasforma l-edukazzjoni. Din hija prijorita' prinċipali għas-Soċjalisti Ewropej, li huma determinati li jagħtu aċċess għall-edukazzjoni lil gruppi żvantaġġati b' enfasi speċjali fuq l-IT. L-UE innominat is-sena 1996 bħala s-sena tat-'Tagħlim tul il-ħajja kollha'; l-2003 bħala s-sena tal-persuni b' diżabbiltá ; u l-2004 bħala s-sena ta' l-edukazzjoni permezz ta' l-isport.




## Riġenerazzjoni reġjonali

L-UE tgħin b' mod attiv ir-reġjuni li jaffaċċjaw problemi ekonomiċi u soċjali permezz ta' numru ta' 'Fondi Strutturali' sabiex jiffinanzjaw proġetti li jiġġeneraw żvilupp ekonomiku fit-tul u sabiex jirrimedjaw problemi soċjali bħall-qgħad u sabiex tindirizza n-nuqqas ta' snajja'. Il-fondi huma disponibbli għal reġjuni fi stati li bħalissa huma membri ta' l-UE u għall-pajjiżi li ser jinagħqdu. Is-Soċjalisti Ewropej jaħdmu mill-qrib ma' awtoritajiet reġjonali u lokali sabiex jassiguraw li l-Fondi Strutturali jiżviluppaw skond il-bżonnjiet preżenti u tal-futur.

## Ibħra aktar siguri

Is-Soċjalisti Ewropej jippromwovu kontinwament is-sigurta' tal-bastimenti li jitrasportaw il-merkanzija u l-laneċ li jġorru n-nies fl-ilmijiet ta' l-UE. Meta t-tanker taż-żejt *Prestige* għereq il-barra mill-kosta tal-Galizja, is-Soċjalisti Ewropej talbu għal investigazzjoni sħiħa u sabiex tankers taż-żejt b' qoxra waħda jiġu projbiti mill-ilmijiet ta' l-UE, u kellhom ukoll suċċess fit-titjib tas-sigurta' tal-laneċ u r-rekords tal-passiġġieri li għandhom iżommu l-kumpanniji tal-laneċ.




## Drittijiet fuq ix-xogħol

Diversi liġijiet Ewropej jassiguraw li n-nies li jaħdmu ma jkunux sfruttati, dawn ikopru per eżempju: drittijiet ugwali għal ħaddiema *part-time*, in-numru ta' siegħat massimu li persuna tista' tintalab li jaħdem, u d-dritt għal vaganzi mħallsa. Is-Soċjalisti Ewropej ħadmu ħafna sabiex jassiguraw dawn id-drittijiet, li issa jitgawdew miċ-ċittadini kollha ta' l-UE.

## Ix-xiri fuq l-Internet

Is-suq waħdieni ta' l-UE iġib ħafna benefiċċji, bħal prezzijiet irħas minħabba kompetizzjoni akbar. It-teknoloġija ta' l-internet ġabet saħansitra aktar vantaġġi billi ppermettiet lill-kumpanniji li jbigħu il-prodotti tagħhom fuq l-internet u jiffrankaw fuq l-ispejjez operattivi. Bl-istess mod, il-konsumaturi jistgħu jixtru u jħallsu għal prodotti *online*, u s-Soċjalisti Ewropej qed jaħdmu sabiex jassiguraw is-sigurta' tat-transazzjonijiet fuq l-internet u jsostnu d-drittijiet tal-konsumaturi *online*.



## Postijiet tax-xogħol aktar sikuri

Ambjent tax-xogħol aktar sikur huwa vitali għall-ħaddiema. L-Unjoni Ewropea stabbiliet limiti legali stretti għall-esposizzjoni tal-ħaddiema fl-industriji kollha għal ċerti livelli ta' ħsejjes u l-esposizzjoni tagħhom għall-asbestos jew għall-vibrazzjoni eċċessiva mill-makkinarju. Is-Soċjalisti Ewropej ikkontribwew b' mod sinifikanti sabiex jassiguraw protezzjoni akbar mir-riskji għas-saħħa fuq il-post tax-xogħol.

## L-involviment tal-ħaddiema fid-deċiżjonijiet tal-kumpannija

Jeżistu regoli komuni ta' l-UE sabiex jassiguraw kondizzjonijiet ugwali għal ħaddiema fis-suq waħdieni. Dawn ir-regoli jinkludu d-dritt għall-informazzjoni u għall-konsultazzjoni dwar deċiżjonijiet sinifikanti tal-kumpannija li jaffetwawhom.

## L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel

L-UE adottat miżuri sabiex tippromwovi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel. Il-liġijiet ta' l-UE jiggarantixxu paga l-istess għall-istess xogħol, drittijiet ugwali għall-ħaddiema *part-time*, l-ebda diskriminazzjoni fil-pensjonijiet, drittijiet ta' maternita' u frank tal-paternita', aċċess ugwali għall-impjiegi u għat-taħriġ u jippromwovu rwol ugwali fit-teħid tad-deċiżjonijiet. Is-Soċjalisti Ewropej jemmnu li l-parteċipazzjoni ugwali tan-nisa fl-aspetti kollha tas-soċjeta hija meħtieġa għad-demokrazija u hija forza għall-progress.



## Servizzi pubbliċi għal kulħadd

Grazzi għall-pressjoni mis-Soċjalisti Ewropej, ittieħdu miżuri sabiex jiggarantixxu li servizzi pubbliċi ta' interess għaċ-ċittadini kollha - bħall-provvista ta' l-elettriku, il-gass u l-ilma, is-servizzi postali, etc. - jiġu inklużi fit-testi legali li jirregolaw l-UE u s-suq waħdieni tagħha. Il-garanzija tas-servizz pubbliku qegħda fil-qalba ta' l-isforzi tas-Soċjalisti Ewropej li jassiguraw mudell soċjali Ewropew bbażat fuq is-solidarjeta' u l-koeżjoni soċjali.

## Telefoni ċellulari

Meta l-industrija tat-telefoni ċellulari qabdet fit-1980ijiet, l-UE stabbiliet standard wieħed għat-telefoni ċellulari. Dan l-istandard, magħruf bħala GSM (is-Sistema Globali għal telekomunikazzjoni Mobbli) huwa wieħed mill-akbar suċċessi ta' l-UE. Illum, madwar 75% taċ-ċittadini kollha ta' l-UE għandhom telefoni ċellulari, u uħud mill-akbar produtturi tat-telefoni ċellulari huma negozji Ewropej.



## Aċċess għall-kura tas-saħħa

Kull fejn ikunu ċ-ċittadini Ewropej fl-Unjoni, huma ntitolati għall-istess servizzi tas-saħħa bħaċ-ċittadini lokali f' dik iż-żona. Kull m' għandhom bżonn hija formola E111, li turi l-prova għall-eleġibilita'. Is-Soċjalisti Ewropej iġġieldu qatigħ sabiex jagħtu liċ-ċittadini ta' l-UE assistenza legali fil-lingwa tagħhom stess kemm il-darba dawn ikollhom aċċident waqt li jivjaġġaw f' pajjiż ieħor ta' l-UE.

## Nagħtu ħiliet ġodda lin-nies

Sabiex ngħinu lin-nies imorru lura fis-suq tax-xogħol, l-UE waqqfet programmi ta' taħriġ sabiex jagħtu ħiliet ġodda lil persuni qegħda. Permess ta' dawn l-iskemi, l-UE tittama li toħloq madwar 20 miljun impjieg ġdid sa' l-2010.







## Intejbu l-ambjent tagħna

Mis-1970ijiet, l-UE mexxiet il-quddiem livell għoli ta' protezzjoni ambjentali, li wassal għal arja aktar nadifa, projbizzjoni fuq il-petrol biċ-ċomb, bajjiet aktar nodfa, industrija aktar sikura u żieda fir-riċiklaġġ li wassal għal tnaqqis fan-numru ta' miżbliet fl-Unjoni. Is-Soċjalisti Ewropej jemmnu li ambjent b' saħħtu huwa dritt taċ-ċittadin u huma mpenjati li jagħtu lill-ġenerazzjonijiet futuri ambjent preservat tajjeb.



## L-Unjoni Ewropea fid-dinja

Fl-1999, il-pajjiżi ta' l-UE iddeċidew li jistabilixxu politika barranija komuni sabiex tagħtihom vuċi akbar fix-xena internazzjonali u sabiex tieħu ħsieb it-theddid reċenti bħat-terroriżmu u l-firxa ta' l-armi tad-destruzzjoni tal-massa. Is-Soċjalisti Ewropej jappoġġjaw id-disarmament nukleari u l-miżuri għall-ġlieda kontra l-bejgħ ta' armi kimiċi u bijoloġiċi kif ukoll ta' mini, armi żgħar u missili ballistiċi. Is-Soċjalisti Ewropej jappoġġjaw ukoll is-sanzjonijiet fuq pajjiżi li jabbużaw mid-drittijiet tal-bniedem u qed tiġi stabbilita Politika Komuni għall-Kenn sabiex tassigura t-trattament xieraq ta' persuni li qed jaħarbu minn dawn il-pajjiżi. L-UE għandha storja twila ta' appoġġ finanzjarju għal proġetti li jindirizzaw il-faqar fil-pajjiżi fi żvilupp li jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem, li jsegwu il-prinċipji demokratiċi u li jippromwovu l-istat tad-dritt u t-tmexxija tajba.



## Il-futbol Ewropew u t-TV

Klabbs tal-futbol u ta' sports ieħor issa huma liberi li jilgħabu bi kwalunkwe numru ta' plejers minn pajjiżi oħra ta' l-UE wara s-sentenza Bosman tal-Qorti tal-Ġustizzja, li ġabet l-istess ir-regoli f' dan il-qasam bħal dawk li jippermettu liċ-ċittadini Ewropej li jaħdmu fi kwalunkwe pajjiż ta' l-UE bl-istess drittijiet tal-ħaddiema lokali. Barrainhekk il-liġi Ewropea tassigura li avvenimenti sportivi prinċipali fl-UE jkunu mxandra liberament lill-pubbliku.

## L-isfida tal-millenju

L-ewwel sfida għall-Ewropa kienet li żżomm il-paċi u li tibni mill-ġdid wara l-gwerra. Fit-1980ijiet, kienet li tibni is-suq waħdieni. Fid-1990ijiet kienet li toħloq munita unika. Issa, l-isfida hija li tkabbar l-UE filwaqt li toħloq l-istabilita', il-paċi u l-prosperita' għal kulħadd. It-tkabbir huwa opportunita kbira għall-UE li s-Soċjalisti Ewropej mexxew il-quddiem b' mod attiv, waqt li jaħdmu ma' Soċjalisti minn pajjiżi li ser jingħaqdu sabiex jirrappreżentaw il-kostitwenti kollha tagħhom.



## Kif taffetwak l-Unjoni Ewropea?

Din l-istorja turi biss ftit mill-modi kif l-Unjoni Ewropea taffetwa il-ħajja tagħna ta' kuljum. Hemm uffiċċju tal-Parlament Ewropew u tal- Kummissjoni f' kull wieħed mill-pajjiżi membri, tista' tikkuntatjah għal aktar informazzjoni, tista' tara wkoll is-siti internet tal-Parlament u tal-Kummissjoni fuq :

**http://europa.eu.int**

## Min aħna?

Il-Parlament Ewropew jirrappreżenta direttament l-interessi taċ-ċittadini fl-Unjoni Ewropea. Il-Membri tal-Parlament jiġu eletti direttament kull ħames snin u huma membri ta' gruppi politiċi, bħall-grupp Parlamentari tal-Partit tas-Soċjalisti Ewropej.

**Il-prijoritajiet tagħna huma li:**

— ninkludu l-aspetti ta' l-impjieg u dak soċjali fil-Politika Ekonomika;
— nippromwovu ambjent aktar b' saħħtu u aktar sostenibbli;
— noħolqu żona Ewropea ta' paċi, liberta', sigurta' u ġustizzja;
— nassiguraw li l-Ewropa jkollha vuċi qawwija fil-livell globali u li l-politika tagħna tippromwovi l-iżvilupp fl-ifqar pajjiżi tad-dinja..

Aħna kellna rwol prinċipali fl-abbozzar tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, inkorporata fl-abbozz tal-Kostituzzjoni għall-UE. Aħna sejrin ikollna rwol sħiħ fix-xogħol kontinwu sabiex niffurmaw l-Unjoni Ewropea tal-futur, u sabiex nagħmlu suċċess mit-tkabbir ta' l-2004.

Għal aktar informazzjoni fuq l-organizzazzjoni u l-politika tagħna u fuq kif aħna nirrappreżentawk, żur is-sit tagħna: http://**www.socialistgroup.org**



**KUNTATT:**
**Grupp Parlamentari tal-Partit tas-Soċjalisti Ewropej**

Il-Parlament Ewropew
Rue Wiertz
B-1047 Brussels
+32 (0)2 284 14 40
pesgroup@europarl.eu.int

MT

**EDITUR RESPONSABBLI** Christine Verger / Grupp PES / Rue Wiertz, B-1047 Brussels
**DISINN/PRODUZZJONI:** Mostra Communication